MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 318/2005

**Pace & Pace Company Limited (C13152)**

**vs**

**Integrated Business System Limited (C18440)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datat 7 ta’ April 2005 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi s-socjeta’ attrici xtrat minghand is-socjeta’ konvenuta magna tal-ipprintjar tal-marka AIT Jetsolver mudell numru 663 ta’ tlieta u sittin pulzier (36”) PRI bil-prezz ta’ tlettax-il elf, erba’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin u centezmu (Lm13,472.01) VAT inkluz, liema ammont gie mhallas mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta fl-intier tieghu

(skont id-dokumenti annessi u mmarkati Dok. “A” sa Dok. “C”).

Illi l-imsemmija magna nxtrat mis-socjeta’ attrici bil-patt li din jkollha l-facilita’ li tipprintja fuq materjal tip ‘vinyl’ u materjal iehor li jintuzaw ghal ‘banners’.

Illi l-imsemmija magna nxtrat mis-socjeta’ attrici taht il-garanzija illi kull ‘print job’ jkollu hajja ta’ tliet snin, specifikatament, “Three year all weather outdoor durability without over-lamination” (u dan skont id-dokument anness u mmarkat Dok. “D”).

Illi wara li l-magna giet ikkonsenjata, installata u bdiet tithaddem fuq ordnijiet li kellha s-socjeta’ attrici rrizulta illi l- ‘print jobs’ maghmula bil-magna meta esposti ghall-elementi, kienu qieghdin jiccaraw wara biss ftit gimghat.

Illi sabiex tipprevjeni tali ccarar tal-‘print jobs’, is-socjeta’ attrici, kellha tapplika l-process ta’ ‘over-lamination’ ghal fuq dawn il-‘print jobs’, meta skont l-ispecifikazzjonijiet u garanzija tal-istess magna tali ‘print jobs’ ma kellhomx bzonn tat-tali process ta’ ‘over-lamination’.

Illi tali process ta’ ‘over-lamination’ qed jiswa lis-socjeta’ attrici aktar spejjez li suppost kellhom jigu evitati b’din il-magna.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet prontament nfurmata b’din il-problema mis-socjeta’ attrici.

Illi s-socjeta’ konvenuta qalet lis-socjeta’ attrici illi l-problema kienet fl-inka illi hija stess tissupplixxi u tikkonsenja lis-socjeta’ attrici.

Illi s-socjeta’ konvenuta kkunsenjat inka ta’ kwalita` differenti sabiex tigi risolta din il-problema izda tali problema baqghet tissussisti.

Illi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma rnexxilhix issolvi din il-problema tal-magna, u dan minkejja diversi

assikurazzjonijiet da parti taghha li l-problema ser tigi rizolta.

Illi l-imsemmija magna tista tintuza biss sabiex tistampa ‘print jobs’ li ma jigux esposti ghall-elementi u li ghallhekk jintuzaw ghall-gewwa, meta suppost il-magna tista’ tintuza wkoll ghall-istampar ta’ ‘print jobs’ li jistghu jithallew barra u dan minghajr process ta’ ‘over-lamination’.

Illi ghalhekk il-magna mibjugha ma kenitx tal-kwalita` pattwita.

Illi kosegwenza ta’ dan, is-socjeta’ attrici bathiet u qed tbati danni liema jikkonsistu fit-telf ta’ klijenti li ma kienux sodisfatti bil-prodott u spejjez zejda fir-rigward tal-uzu tal-magna tal-‘lamination’, liema skont il-garanzija moghtija mis-socjeta’ konvenuta u l-ispecifikazzjonijiet tal-magna tal-marka Jetsolver ma kienux previsti.

Illi *inoltre*, skont il-kundizzjonijiet tal-bejgh inkluzi f’Dokument “D”, hemm stipulat illi s-socjeta’ konvenuta kellha tipprovdi sena manutenzjoni b’xejn.

Illi wara li ghaddew sitt xhur, mill-bejgh tal-magna s-socjeta’ konvenuta, kuntrarju ghal dak stipulat hawn fuq, qieghda tippretendi u titlob il-hlas tal-ispejjez ta’ manutensjoni minnha maghmula fuq il-magna.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprovdi magna tal-kwalita` pattwita’, liema fatt jnaqqas il-valur tal-istess magna tal-ipprintjar tal-marka AIT Jetsolver mudell numru 663 ta’ tlieta u sittin pulzier (36”) PRI.

2. Tistabilixxi l-valur gust tal-magna li giet effettivament ikkonsenjata lis-socjeta’ attrici mis-socjeta’ konvenuta u tillikwida dik il-bicca mill-prezz li ghandha tigi restitwita lura lis-socjeta’ attrici *a tenur* tal-**artikolu 1390 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**, *in vista* tal-fatt illi l-

magna ikkunsenjata ma kenitx tal-kwalita` pattwita, okkorendo permezz tal-opera ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 5 u 6 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 10 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-25 ta’ Mejju 2005.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 13 ta’ Mejju 2005 a fol 16 tal-process fejn eccepew: -

1. Illi preliminarjament ghandhom jinghajtu fil-kaz id-ditta Ingliza Applied Image Technology *stante* illi huma ssuplixxew l-magna *de quo* u taw l-assikurazzjonijiet necessarji.

2. Illi wkoll *in linea* preliminari ghandu jigi deciz jekk l-atturi tawx bidu ghall-proceduri fiz-zmien koncess lilhom mil-ligi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, l-asserzjonijiet tal-atturi dwar il-kwalita` li kienet pattwita fir-rigward tal-magna *de quo* u fir-rigward tal-garanziji li nghataw ma jsibux konfort fil-fatti u l-eccipjenti mxew skont l-obbligi taghhom.

4. Illi ghandu jigi ezaminat jekk l-atturi kienux u/jew humiex jaghmlu uzu mill-magna *de quo* kif suppost u skont l-arti u s-sengha u jekk jirrizulta illi dan mhux il-kaz, l-eccipjenti ma ghandhomx obbligi versu l-istess atturi, Illi l-azzjoni ezercitata mhijiex wahda ghad-danni u ghalhekk

kwalunkwe referenza da parti tal-atturi dwar danni allegatament sofferti minnhom ghandha tigi skartata.

5. Illi f'kull hin, l-eccipjenti mxew skont l-obbligi kuntrattwali taghhom.

6. Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol 17 sa 19 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta' Mejju 2005 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn Dr. Mario de Marco irrileva li s-socjeta` konvenuta hija kontumaci *stante* li n-nota tal-eccezzjoni giet prezentata wara t-terminu stabbilit mil-ligi. Is-socjeta` konvenuta talbet differiment biex tirregola ruhha. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Ottubru 2005 ghal dan l-iskop.

Rat ir-rikors tal-konvenuti datata 30 ta' Settembru 2005 a fol 21 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tikkunsidra l-kontumacja bhala ggustifikata u tiehu ghalhekk in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet li ga gew ipprezentati; u l-Qorti ordnat in-notifkat lill-kontro-parti bi zmien tlett ijiem (3) ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti datata 27 ta' Ottubru 2005 ghar-rikors tal-konvenut tat-30 ta' Settembru 2005 a fol 26 tal-process fejn l-esponenti talbu illi t-talba tal-intimati tigi michuda.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta' Dicembru 2005 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Inghatat sentenza dwar il-kontumacja. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Jannar 2006 ghall-kontinwazzjoni.

Rat id-decizjoni moghtija fis-6 ta' Dicembru 2005 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri (fol 36) fejn : *"ghal dawn il-motivi tiddeciedi*

*billi tilqa' it-talba tas-socjeta` konvenuta u tidikjara li n-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mis-socjeta` konvenuta hija proceduralment valida."*

Rat in-nota tal-konvenuti datata 28 ta' Marzu 2006 a fol 117 tal-process li biha irtiraw l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet datata 20 ta' April 2006 a fol 118 tal-process fejn qablu li jinnominaw minflok lis-sur Martin Bajada li ga` qieghed jespliita l-istess inkarigu fil-kawza fl-ismijiet "Benjamin Mangion Ltd vs Integrated Business Systems Ltd", li kienet titratta l-istess mertu u li tinsab pendenti quddiem din Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef G Camilleri; u l-Qorti kif hekk presjeduta laqghet it-talba u nnominat bhala Perit Tekniku lil Martin Bajada u bhala Perit Legali lil Dr. Charmaine Zammit biex tisma' il-provi partijiet.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Charmaine Zammit datat 16 ta' Mejju 2006 a fol 127 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex tezoneraha mill-inkarigu moghti lilha; u l-Qorti laqghet it-talba u issosstitwiet ghall-istess lil Dr. Anna Mallia, u dan kif jidher bid-digriet moghti fit-18 ta' Mejju 2006 (fol 129).

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata 8 ta' Marzu 2010 a fol 194 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia flimkien max-xhieda kollha quddiema prodotta u d-dokument hemm esebiti, u r-rapport tal-istess Perit Legali li gie pprezentat ir-registru fil-15 ta' Ottubru 2010 u mahluf fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2010, l-istess rapport huwa esebit a fol 209 et seq tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti inkluz dan tal-31 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Josette Grech ghas-socjeta` attrici. Dehret Martin Bajada bhala Perit Tekniku li halef ir-rapport. Dr. Grech strahet fuq ir-rapport li hemm. Dr. Andrew Borg

Cardona msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Frar 2012.

Rat ir-rapport tal-Espert Tekniku Martin Bajada pprezentat fir-registru fid-29 ta' Marzu 2011 u mahluf fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2011 a fol 358 et seq tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta' Frar 2012 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Peress li l-Qorti kellha iktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta` attrici qed tibbaza t-talbiet taghha fuq l-**artikolu 1390 tal-Kodici Civili** dwar il-kaz tan-nuqqas tal-kwalita` essenzjali mweghda ossija fejn il-haga kkonsenjata hi diversa minn dik patwita *("aliud pro alio").*

Illi **l-artikolu 1390** jghid li:-

*"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita` mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghmel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircevi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti".*

Illi jidher car li l-inizjattiva qieghda f'idejn ix-xerrej li ghazel li jzomm il-magna u jitlob prezz anqas, liema prezz anqas f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed tikkontendi li ghandu jkun s-somma ta' Lm2,088.60 (€4,865.13) li hallas lil Merlin Computers talli sewwewlu l-magna (Dok. "BM3" prezentat minn Bertrand Micallef fis-seduta tat-2 ta' Frar

2007). Fil-fatt fil-kaz odjern s-socjeta' attrici qed titlob li tithallas lura parti mill-prezz wara li jigi stabbilit li l-magna mhix tal-kwalita` patwita.

Illi s-socjeta` konvenuta, mill-banda l-ohra, tikkontendi li hija qatt ma offriet ebda garanzija lis-socjeta` attrici mal-bejgh tal-magna mertu ta' din il-kawza.

Illi hawn issir riferenza ghall-kawza ismijiet **"Anthony Pace Asciaq Anthony et vs Camilleri Joseph et"** (P.A. (PS) - 28 ta' Jannar 2004) fejn intqal:

*"Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f'kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427, rimedji li fil-kaz tal-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni tal-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja. Huma dawn ir-rimedji li l-ligi tipprrovdi lix-xerrej.."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` attrici xtrat l-magna mertu ta' dawn il-proceduri; jirrizulta li kellha garanzija ta' tliet snin u cioe` *"3 years all weather outdoor durability without over lamination.. six colour Hi-Fi Solvent ink"* u li mir-rapport tal-perit tekniku Martin Bajada huwa kkonkluda li l-magna ma kinetx tal-kwalita` patwita u hawn issir riferenza ghall-istess rapport tekniku.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta jinghad li:-

Illi dwar it-tielet eccezzjoni fejn is-socjeta' konvenuta qed tghid li l-asserzjonijiet tal-atturi dwar il-kwalita` li kienet pattwita fir-rigward tal-magna *de quo* u fir-rigward tal-garanziji li nghataw ma jsibux konfort fil-fatti u hija mxiet

skont l-obbligi taghha jinghad li dan mhux konfortat mir-rapport tal-perit tekniku Martin Bajada u dan jirrizulta car mill-konsiderazzjoni u konkluzjoni tal-perit tekniku, tant li fl-istess rapport (fol. 225 sa 228 tal-process) jinghad *inter alia* li l-magna li kienet ordnata kellha thaddem *solvent ink* sabiex tkun garantita l-kwalita' *"3 years all weather outdoor durability without over-lamination ….six colour Hi Fi solvent",* izda inghad li *"l-magna installata ma kenitx wahda li tahdem b'solvent ink u li tipproduci prodott ta' kwalita' fosthom "3 years all weather outdoor durability without over-lamination"* u kien wara l-modifikazzjoni li ghamlet is-socjeta' attrici permezz ta' Merlin Computers Limited li l-magna tat ir-rizultat mehtieg u dan biss f'dan il-kuntest tal-kwalita' partikolari hawn indikata.

Illi dan qed jinghad ghaliex jirrizulta mill-eskussjoni tal-istess Perit Tekniku datata 22 ta' Frar 2011 li l-magna xorta wahda ma kellhiex kapacitajiet ohra li kellha jkollha skont il-ftehim bejn il-partijiet fosthom dik ta' *durability,* u tenut kont ta' dan kollu l-perit tekniku rrelata li bejn l-magna li kienet ordnata u l-magna li giet konsenjata kien hemm differenza fl-ammont ta' €5,730 (ara rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku datat 29 ta' Marzu 2011 – fol. 357 sa 360).
Illi dwar ir-raba' eccezzjoni fejn qed jigi jinghad li ghandu jigi ezaminat jekk l-atturi kienux u/jew humiex jaghmlu uzu mill-magna *de quo* kif suppost u skont l-arti u s-sengha u jekk jirrizulta illi dan mhux il-kaz l-eccipjenti ma ghandhomx obbligi versu l-istess atturi, dawn ma kienux ir-rizultanzi tal-perit tekniku effettivamet ma sab xejn minn dan u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi dwar il-hames eccezzjoni fejn qed jigi eccepiet li l-azzjoni ezercitata mhjiex wahda ghad-danni u ghalhekk kwalunkwe referenza da parti tal-atturi dwar danni allegatament sofferti minnhom ghandha tigi skartata, din il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni ghaliex it-talba tas-socjeta' attrici mhix taghmel talba ghad-danni izda talba *ai termini* tal-**artikolu 1390 tal-Kodici Civili.**

Illi dwar is-sitt eccezzjoni li hija fis-sens li f'kull hin l-eccipjenti mxew skont l-obbligi kuntrattwali taghhom, jirrizulta li din hija kontradetta mir-rapport tekniku u wkoll qed tigi michuda. Fil-fatt mir-rapport tekniku jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ssuplixxiet lis-socjeta' attrici magna deskritta li ma kinetx tal-kwalita` patwita.

Illi din il-Qorti thoss li ma hemm ebda bazi ghaliex hija ghandha tiddiparixxi mir-rapport tekniku, iktar u iktar meta fil-verita' dan huwa lanqas teknikament kontradett u dan wkoll huwa skont l-insenjament fis-sentenza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et"** (A.C. - 23 ta' Gunju 1967 – Vol L I 390) fejn intqal li:-

*"ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabli mill-gudikant bhal kull prova ohra b'danakollu, l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi rragonevoli.".*

Illi dan qed jinghad peress li ghalkemm l-**artikolu 681 tal-Kap 12** jipprovdi li l-Qorti ma hix tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali specjalment fuq natura purament teknika dan il-Qorti ma tistax tinjorah jew tmur kontra tieghu b'mod legger jew kapriccuz.

Illi f'dan il-kaz jinghad ukoll li x-xhieda ta' Bertrand Micallef tas-socjeta' Merlin Computers Limited dwar ix-xoghol rimedjali li ghamlu fuq il-magna u l-ispejjez li s-socjeta` attrici hallset ghall-istess hija cara u bl-ebda mod kontradetta (ara seduta tat-2 ta' Frar 2007).

Illi jigi rilevat li s-socjeta` konvenuta permezz tar-rapprezentant taghha Timothy Camilleri kkontendiet li hija ma tat ebda garanzija fuq id-*duration* tal-*prints*, pero` d-dokumenti juru mod iehor.

Illi anke hawn is-socjeta' konvenuta lanqas hija korretta ghaliex f'pagna 10 tal-*brochure* provdut mis-socjeta` konvenuta stess jinghad b'mod espress li qed tinghata *"three year all weather outdoor durability without over-lamination" u "one –year full on-site maintenance is included".* Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel ma' Timothy Camilleri meta jghid li huma ma taw ebda garanzija. Hawn issir ghas-sentenza fl-ismijiet **"Victor u Anne Claire Anastasi vs Nicholas u Natasha Parnis England"** (A.I.C. (PS) deciza 28 ta' Marzu 2007) fejn il-bejjiegh gie tenut responsabbli ghal dak hekk provdut sakemm ma jipproducix bil-miktub dokument li juri mod iehor, haga li certament ma sehhitx f'din il-kawza.

Illi dwar f'dan il-kaz jidher li l-valur ta' danni huwa dak konsistenti fil-valur attwali tal-istess kawza kif provduta meta konsidrat ma' dak li kellha tigi provduta u hawn il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjonji wkoll it-tiswijiet li lahqu saru sabiex almenu l-magna tikkonforma in parti ma' dak pattwiet, liema tiswijiet kienu jammontaw ghal Lm2,088.60 u cioe` €4,865.13 li s-socjeta' attrici hallset lil Merlin Computers sabiex tissewa l-magna fis-sens hemm indikat (Dok. "BM3" prezentat minn Bertrand Micallef fis-seduta tat-2 ta' Frar 2007).

Illi izda kif inghad din it-tiswija ma solvietx il-problema kollha u meta ha in konsiderazzjoni dan kollu l-perit tekniku, (inkluz l-ispejjez inkorsti) huwa wasal ghal konkluzjoni fuq indikata dwar id-differenza fil-valur tal-magna kif ordnata u kif fil-fatt konsenjata u dan huwa fl-ammont ta' Lm2,460 ekwivalenti ghal €5,730). B'hekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fuq dawn il-binarji.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha f'dan l-ammont.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprovdi magna tal-kwalita` pattwita, liema fatt inaqqas il-valur tal-istess magna tal-ipprintjar tal-marka *AIT Jetsolver* mudell numru 663 ta’ tlieta u sittin pulzier (36”) PRI.

2. Tistabilixxi l-valur gust tal-magna li giet effettivament ikkonsenjata lis-socjeta’ attrici mis-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ €25,651.08 (ekwivalwenti ghal Lm11,012.01) u tillikwida dik il-bicca mill-prezz li ghandha tigi restitwita lura lis-socjeta’ attrici *a tenur* tal-**artikolu 1390 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**, *in vista* tal-fatt illi l-magna ikkunsenjata ma kenitx tal-kwalita` pattwita, fl-ammont ta’ €5,730 ekwivalenti ghal Lm2,460.

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma hekk likwidata ta’ €5,730 ekwivalenti ghal Lm2,460.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fit-18 ta’ April 2005 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------